31987R1096

L 106/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.4.1987

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1096/87**

**tal-21 ta' April 1987**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3143/85 għall-bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa ta' butir ta'l-intervent intiż għall-konsum dirett fil-forma ta' butir ikkonċentrat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitaà Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (1), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 773/87 (2), u b'mod partikolari permezz ta'l-Artikolu 6(7) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) No 3143/85 (3), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 569/87 (4), jipprovdi għall-bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa ta' butir ta'l-intervent intiż għall-konsum dirett fil-forma ta' butir ikkonċentrat; billi din hija waħda mill-miżuri addizzjonali previsti fl-1987 u 1988 sabiex tiżdied ir-rata ta' tneħħija tal-butir mill-ħażna pubblika; billi regoli speċjali għall-iffinanzjar ta' dawn il-miżuri ġew introdotti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 (5), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 801/87 (6), b'effett mill-1 ta' Diċembru 1986; billi l-imsemmija regoli speċjali għall-iffinanzjar, għandhom, għalhekk, jissemmew fir-Regolament (KEE) Nru 3143/85;

Billi l-miżuri previsti f' dan ir-Regolament huma konformi ma'l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-subparagrafu li ġej qed jiżdied ma'l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 3143/85:

> "L-ispiżalli tirriżulta minn dan ir-Regolament għandha tiġi ffinanzjata b' konformità mad-dispożizzjonijiet tat-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi ta'l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 (1).
>
> (1) ĠU L 216, tal-5.8.1978, p. 1."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika b'effett mill-1 ta' Diċembru 1986.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' April 1987.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESSEN

*Viċi-President*

(1) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(2) ĠU L 78, ta' l-20.3.1987, p. 1.
(3) ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9.
(4) ĠU L 57, tas-27.2.1987, p. 26.
(5) ĠU L 216, tal-5.8.1978, p. 1.
(6) ĠU L 79, tal-21.3.1987, p. 14.